MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tas-16 ta' Ottubru, 2014

Rikors Kongunt Numru. 298/2014

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt li permezz tieghu ir-rikorrenti ippremettew:

Illi l-partijiet izzewgu fid-9 ta’ Lulju 2005 Dokument A hawn anness, u minn dan iz-zwieg ma kellhomx tfal;

Illi il-partijiet ilhom leglament separati b’kuntratt redatt minn Nutar Dr Elis Falzon datat 15 ta’ Jannar 2009, li kopja tieghu qieghed jigi hawn anness u mmarkat Dokument B u ghalhekk izjed minn erba’ snin;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghar-rikonciljazzjoni bejniethom, stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma persuni ohra/familji godda;

Illi ma hemm ebda manteniment dovut f’dan l-istadju stante illi fil-kuntratt ta’ separazzjoni hawn fuq riferti, il-partijiet kienu rrinunzjaw reciprokament ghad-dritt li jircievu manteniment minghand xulxin;

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal ksib tad-divorzju, skont l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghaldaqshekk minn din il-Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex dan il-hall jigi rregistrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-1 ta’ Awissu 2014;

Rat l-affidavit bix-xhieda tal-partijiet;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-15 ta’ Jannar 2009 u illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejniethom;

Illi il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ippruvaw illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------